# In-Nomi Proprji u Komuni

***Il-klassi***: Il-Malti għall-barranin

***L-għan:*** L-istudenti jagħżlu bejn Nomi Komuni u Nomi Proprji.

***Ir-riżorsi:*** L-attività fuq is-sit *learningapps.org*

L-attività permezz tal-iSMART Notebook.

## *Id-deskrizzjoni tal-attività:*

1. L-għalliema se tiddeskrivi lill-istudenti li fi Triq San Ġorġ, Ħal Qormi, hemm numru ta' ismijiet tad-djar bil-Malti. In-nies ta' dawn id-djar jixtiequ li jagħmlu stampa mal-isem tad-dar tagħhom u b'hekk l-istudenti huma mitluba li jgħinuhom. L-istudenti se jaħdmu f'pari u student minn kull par se jiġi fuq il-wajtbord interattiv u jqabbel l-istampa mal-kelma li taqbel. L-għadd ta' kliem huwa aktar mill-għadd ta' stampi sabiex l-istudenti jippruvaw jagħżlu l-kelma t-tajba.

Is-sit elettroniku sabiex taċċessa din l-attività onlajn huwa: [https://learningapps.org/display?v=pc07mix5t18](https://learningapps.org/display?v=pc07mix5t18)



2. Wara li l-istudenti jqabblu l-istampi mal-kliem, huma se jkollhom dawn l-ismijiet tad-djar flimkien ma' xi ismijiet oħra fuq il-wajtbord interattiv. Permezz tal-applikazzjoni tal-iSmart Notebook, l-istudenti se jiġu wieħed wieħed u se jippruvaw jitfgħu l-ismijiet tad-djar fil-kategorija t-tajba; Nomi komuni jew Nomi Proprji. L-għalliema se tagħmel eżempju. L-għalliema, wara li l-istudenti jagħmlu l-kliem kollha fil-kategorija t-tajba, tkun tista' wkoll tiddiskuti liema nomi jieħdu l-artiklu u liema le. (Wara li jagħmluhom kollha fil-kategorija t-tajba titla' lista bil-kliem kollha maqsumin fil-kategorija t-tajba).

